

P7_TA-PROV(2009)0095

It-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina. (COM(2009)0182 – C7-0018/2009 – 2009/0062(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2009)0182),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 170, l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0018/2009),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 55, 46(1) u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0074/2009),
1. Japprova t-tiġdid tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ukraina.